MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 219/2011

**Altas Insurance PCC Limited (C5601) f'isimha proprja u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Roderick Mayl u l-istess Roderick Mayl (ID 91866M)**

**vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat fis 7 ta' Lulju 2011 mis-socjeta rikorrenti fejn hija talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma thallasha is-somma ta' tlett elef, sebgha mija u hamsa u erbghin Euro u thallas lill Roderick Mayl is-somma ta' hamsa u hamsin Euro, u dana rizultat ta' danni l-istess Roderick Mayl soffra rizultat tal-perkolazzjoni ta' l-ilma illi bdiet fit 12 ta' Lulju 2009 fil-propjeta tieghu gewwwa 22, Triq San Duminku, Sliema,

ghal liema danni is-socjeta rikorrenti hallset lill-assikurat taghha is-somma fuq indikata salv l-excess imhallas mill-assikurat Mayl. Tali somma intalbet flimkien ma imghax mill-14 ta' Lulju 2010 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittri legali datai 18 ta' Ottubru 2010 u 18 ta' April 2011.

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni intimata ippresentata fil 5 ta' Ottubru 2011 fejn hija saqhet li d-danni sofferti ma humiex rizultat ta' tort jew negligenza ta' l-istess korporazzjoni intimata u, fi kwalumkwe kaz, japplikaw fuqha id-disposizzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap 355. Saqhet ukoll illi hija mxiet korrettement u ai termini tal-Ligi u d-danni sofferti ma kien rizultat ta' nuqqas tal-Korporazzjoni. Hija kkontestat wkoll il-quantum tad-danni sofferti.

Rat ix-xhieda ta' **Alan Micallef**, Claims Executive tas-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited, moghtija fid 9 ta' Marzu 2012, flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat ix-xhieda ta' **Roderick Mayl**, l-assikurat tas-socjeta rikorrenti u sid il-propjeta illi fiha sehh il-perkolazzjoni ta' l-ilma, moghtija fl-1 ta' Gunju 2012.

Rat ix-xhieda tal-**Perit Frank Muscat**, perit imqabbad minn Roderick Mayl sabiex jezamina d-danni sofferti, liema xhieda inghata fil 15 ta' Ottubru 2012.

Rat ix-xhieda ta' **Mario Hayden**, Team Leader Leakage Control Technician fi hdan il-Korporazzjoni intimata, moghtija fil 25 ta' Frar 2013, flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi l-Korporazzjoni intimata, fid 9 ta' Dicembru 2013, iddikjarat illi ma kellha ebda provi ohra x'tippresenta.
Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-17 ta' Jannar 2014.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi ir-rikorrent Roderick Mayl, kien sid ta’ dar gewwa Triq San Duminku, Sliema, bin-numru 22, liema dar huwa kien konverta xi tlett snin qabel ma beda l-perkolazzjoni ta’ l-ilma fit-12 ta’ Lulju 2009. Fid-dar, illi kienet ta’ diversi sulari, il-basement taghha, illi kien sitwat taht il-livell tat-triq, kien uzat bhala kamra fejn il-familja tingabar tara it-televizjoni u kien hemm sufan u ghamara ohra. darba, minnhom, fit 12 ta’ Lulju 2009, meta nizel flimkien ma’ martu sabiex jara television, sabu roqa ilma that is-sufan. Huma ghaddew biex jixxuttawh izda l-ghada filghodu, meta regghu nizlu, regghu sabu l-ilma fil-basement.

Mayl ipprova jikkomunika mal-Korporazzjoni intimata izda ma setghax jaqbad izda, fortuatament, kellu in-numru ta’ Mario Hayden, u , wara li qabbdu bit-telefon, gharrfu bil-problema ta’ l-ilma u indikalu li, il-gurnata ta’ qabel, kien qieghed jisma hoss ta’ hrug ta’ ilma fit-triq ftit aktar il-fuq mid-dar tieghu, u ghalhekk stiednu sabiex jsiru l-verifiki hemmhekk. Filghaxija gew tal-korporazzjoni u kkonfermaw illi kien hemm hrug ta’ ilma minn fejn huwa kien sema il-hoss. Sussegwentement, saru ir-riparazzjonijiet l-ghada filghodu u l-ilma waqaf jipperkola.

Gara, izda, illi ghalkemm ma kien hemm ebda perkolazzjoni ta’ l-ilma ghal madwar xahar, wara li Mayl siefer ghal btala barra minn Malta ghal sitt ijiem, gew lura fit-23 ta’ Awissu 2009 u dahhlu d-dar fejn sabu il-kamra mgharrqa bl-ilma. Ghalkemm dakinhar illi gew lura minn barra, ippruvaw inixxfu l-ilma illi kien hemm, huma ma irnexxilhomx ghax ilma baqa’ diehel b’rata mghaggla, u komunikazzjoni mal-Korporazzjoni kienet ghal xejn ghax hadd ma kien qieghed jirrispondi. Sussegwentement, l-ghada garr l-ghamara kollha ‘l barra mill-basement filwaqt illi rnexillu jaqbad ma’ Mario Hayden filghodu kmieni li, minn naha tieghu, infurmah illi seta jigi jivverifika biss bil-lejl, minhabba fil-hsejjes tal-gurnata.

Eventwalment, filwaqt illi matul il-gurnata mar xi hadd jivverifika dwar l=ilka li kien diehel, sabiex jigi kkonstata jekk kienx ilma tal-vit jew tad-dranagg, filghaxija marru biex jaghmlu l-istharrig taghhom fuq l-ingress ta’ l-ilma.

Inizzjalment ma kienux f'pusizzjoni jistabilixxu minn fejn kien gej l-ilma izda, sussegwentement, Mayl indikalhom sit fi triq paralella ma dik fejn kien jghix Mayl, ossija Triq San Giacintu, u instab illi kien hemm pipe ta' l-ilma li kien maqsum fit-triq u li minnu kien hiereg l-ilma. Dana il-pipe gie msewwi l-ghada filghodu u l-perkolazzjoni ta' l-ilma waqaf jipperkola fil-fond tas-Sur Mayl.

Jirrizulta illi tali verzjoni tal-fatti giet ikkonfermata anke minn Mario Hayden stess, li huwa l-persuna resposabbli bhala Team Leader tal-Leackage Control technicians taz-zona ta' tas-Sliema. Hayden, madanakollu, jsemmi zewgt stanzi ohra, wara it 12 ta' Lulju fejn kien hemm problemi ta' l-ilma da parte ta' Mayl, ossija fl 4 ta' Awissu u 11 ta' Awissu 2009, fiz-zewgt istanzi l-ilma kien hemm rapport ta' ilma diehel minn barra, liema problemi kienu t-tnejn gewwa triq San Duminku, ossija it-triq fejn jghid Mayl, liema problemi gew rizolti ukoll.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta minn informazzjoni mghoddija minn Mayl lill-asiskuraturi tieghu, is-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC, illi l-hsarat sofferti minnu kienu konsistenti fi hsarat fiz-zewgt sufanijiet illi kellu, ammontanti ghal elfejn hames mija u wiehed u sebghin Euro, u hsarat fil-hitan ta' zewgt ikmamar, ammontanti ghal elf, mitejn u disgha u ghoxrin Euro, total ta' tlett elef u tmien mitt Euro, li minnhom Mayl hallas excess ta' hamsa u hasin Euro u il-biland, tlett elef, sebgha mija u hamsa u erbbghin Euro thallsu lill-Mayl mis-socjeta rikorrenti ai termii tal-assikurazzjoni illi huwa kellu. Dawna l-hsarat kienu kollha dokumentati minn stimi mghoddija mill-istess Mayl.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta konvenuta shaqet illi, a tenur tal-Artikolu 21 tal-Kap 355, hija ma hijiex responsabbli tad-danni sofferti minn Mayl. Tali artikolu jipprovdi illi :-

(1) Il-Korporazzjoni ma tkunx responsabbli għal xi ħsara magħmula lil persuna jew proprjetà konnessa mal-istallazzjoni tal- provvista tal-ilma li tkun ikkaġunata minn xi inċident li ma setax jiġi evitat, minn deterjorazzjoni raġonevoli jew minn konnessjoni ta' fittings tal-ilma mhux awtorizzat jew minn xi difetti fl- istallazzjoni mhux provduti mill-Korporazzjoni.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 18(2) il-Korporazzjoni mhux responsabbli, fejn ma jkunx hemm negliġenza u skont il-provvedimenti ta' dan l-Att, għal xi inkonvenjent jew ħsara attribwibbli għall-qadi ta' xi dmir impost b'dan l-Att.

Tali artikolu jipprovdi illi hsarat rizultanti minn s-servizz konness minnha lill-persuna illi ssofri il-hsara ma jkunux responsabbilta' taghha. Madanakollu, fil-kaz odjern, il-hsara sofferta minn Mayl ma kienx dovut ghal ilma li hareg mis-serviz pprovdut lilu mis-socjeta rikorrent, izda kien rizultat ta' hsarat li saru minn servizz ta' propjeta ohra, u ghalhekk ma taqax taht il-limitazzjoni fuq indikata.

Apparti minn hekk, il-fatt illi pipe tas-servizz ta' l-ilma tas-socjeta intimata sofra hsarat u wassal ghall-gharar meritu tal-kawza odjerna, kien maqsum jindika illi kien hemm negligenza da' parte tal-Korporazzjoni intimata milli zzomm tali pipe fi stat tajjeb u kien sta ghall-Koprporazzjoni konvenuta turi illi hija ma kienetx hekknegligenti, fatt illi hija naqqset milli taghmel.

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-hsara li soffra Roderick Mayl kien dovut unikament minn perkolazzjoni ta' l-ilma, f'diversi istanzi, minn diversi kanen ta' l-ilma, f'zewgt toroq differenti, li kellhom il-hsara f'mumenti differenti f'qasir zmien, indikazzjoni cara illi s-sistema ta' l-ilma f'dik iz-zona certament kienet tenhtieg riparazzjoni estensiva, u ghalhekk il-Korporazzjoni kellha tkun a korrent tal-problemi illi z-zona kllha u kwalsiasi hsara hija rizultat tan-nuqqas taghha milli tiehu hsieb is-servizz minnha moghti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semrghet ix-xhieda imressqa

Tghaddi beix taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Korporazzjoni intimata u

**Tilqa** t-talba attrici kif dedotta u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma thallas lis-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited is-somma ta' tlett elef, sebgha mija u hamsa u erbghin Euro kif ukoll thallas lill Roderick Mayl is-somma ta' hamsa u hamsin Euro.

Spejjez kollha tal-proceduri kollha kif mitluba ikunu a kariku tal-Korporazzjoni intimata bl-imghax mill 14 ta' Lulju 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------